# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **187/2025 (AD)**

**MARIO FENECH (KI 449666M)**

**vs**

**MARIA DOLORES SIVE DORIS FENECH (KI 431037M)**
**ETIENNE FENECH (KI 0241968M)**
**RITA TOPP (KI 0507965M)**
**CLAIRE TSIAKAS (KI 0072778M)**
**CLAIRE TSIAKAS (KI 0072778M) U GEORGIOS TSIAKAS (KI 76072A) GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TA' BINHOM MINURI**
**KONSTANTINOS TSIAKAS**
**MATTHEW FENECH (KI 0582092M)**
**MARK FENECH (KI 003295M)**
**ALFEN HOLDINGS COMPANY LIMITED (C4388)**
**ALFEN TRADING COMPANY LIMITED (C4407)**
**FENIX REAL ESTATE LIMITED (C29853)**
**COIM ENTERPRISES LIMITED (C9754)**
**ISLAND RESORTS COMPANY LIMITED (C10970) U**
**FENECH FORTE INVESTMENTS LIMITED (C31686)**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors ta' Mario Fenech ai termini tal-Artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, datat tlieta (3) ta' Frar 2025.

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar it-tlieta (3) ta' Frar 2025, ir-rikorrent Mario Fenech, sabiex jikkawtela l-kreditu rappreżentanti s-sehem riservat spettanti lilu mill-eredita' tad-defunt Alfred Fenech, talab lil din il-Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-intimati sabiex **jinżammu milli jbigħu, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta', b'mod partikolari l-proprjeta', inklużi mmobbli u ishma f'numru ta' kumpaniji, fid-dokument anness mar-rikors u mmarkat *Dokument A***;

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar it-tlieta (3) ta' Frar 2025 stess, laqgħet it-talba provviżorjament ai termini tal-Artikolu 875(2) tal-Kap 12, u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri. In oltre, din il-Qorti appuntat ir-rikors għas-smiegħ għas-seduta tal-Ħamis, tlettax (13) ta' Frar 2025, u ordnat notifika tar-rikors u tad-digriet lill-intimati;

4. B'risposta datata sebgħa (7) ta' Frar 2025, l-intimati Maria Dolores sive Doris Fenech, Etienne Fenech, Claire Tsiakas pro et noe, Alfen Holdings Co Ltd, Alfen Trading Co Ltd, Fenix Real Estate Ltd, Coim Enterprises Ltd, Island Resorts Co Ltd u Fenech Forte Investments Ltd laqgħu għat-talba rikorrenti billi qalu illi: (a) ir-rikorrent kien għamel elenku tal-assi mmobiljari kemm parafernali kif ukoll fil-komunjoni tal-akkwisti, iżda naqas milli jelenka l-assi mobbiljari, depożiti bankarji, stocks u shares illi kellhom l-stess konjuġi Fenech, b'dana illi l-ħruġ tal-mandat odjern mhux bżjonnjuż għall-pretensjonijiet tar-rikorrent; (b) l-intimata Maria Dolores sive Doris

Fenech kienet sellfet lir-rikorrent is-somma ta' €100,000, liema somma għadha ma ġietx rifuża; (c) illi l-intimati Etienne Fenech, Claire Tsiakas pro et noe, Alfren Holdings Co Ltd, Alfen Trading Co Ltd, Fenix Real Estate Ltd, Coim Enterprises Ltd, Island Resorts Co Ltd u Fenech Forte Investments Ltd mhumiex eredi ta' Alfred Fenech, b'dana għalhekk illi l-ebda proprjeta' tagħhom ma tista tkun soġġetta għall-ħruġ ta' mandat t'inbizzjoni bħal dan odjern, aktar u aktar fil-każ tal-kumpaniji nfushom illi għandhom personalita' ġuridika separata u indipendenti mill-azzjonisti tagħhom; (d) ir-rikorrent ma ndikax x'inhu l-kreditu li qed jippretendi illi huwa dovut, u għalhekk ir-rikors huwa null; u (e) illi Maria Dolores sive Doris Fenech għandha biżżejjed assi mobbiljari u proprjeta' immobiljari b'valur ta' circa €1,200,000, b'dana illi m'hemmx ħtieġa għall-ħruġ ta' dan il-mandat;

5. Waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Frar 2025 irriżulta illi l-intimati Rita Topp u Matthew u Mark Fenech kienu għadhom ma ġewx notifikati bir-rikors għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni. Ir-rikors ġie differit għas-seduta tal-erbgħa (4) ta' Marzu 2025;

6. B'risposta datata sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar 2025, l-intimati Mark u Matthew aħwa Fenech irrimettew ruħhom għall-ġudizzju tal-Qorti, u dan stante illi d-defunt kien ħalla b'titolu ta' legat id-dritt t'użu u użufrutt *vita durante* a favur Dolores sive Doris Fenech ta' numru ta' proprjetajiet, liema użu u użufrutt kellu jintiret mir-rikorrent Mario Fenech wara mewtha, u sussegwentement biss jintiret mill-intimati aħwa Fenech. L-aħwa Fenech għalhekk irrilevaw illi huma għadhom ma wirtux il-legat tad-dritt ta' użu u użufrutt fuq l-istess proprjetajiet;

7. Waqt is-seduta tal-erbgħa (4) ta' Marzu 2025, Rita Topp tat ruħha b'notifikata, u ddikjarat illi r-risposta intavolata minn Maria Dolores Fenech et kellha tgħodd ukoll għaliha. Ir-rikors ġie differit għas-seduta tal-ħdax (11) ta' Marzu 2025 għan-notifika tal-intimat Georgios Tsiakas;

8. Waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Marzu 2025, l-intimat Georgios Tsiakas ta ruħu b'notifikat u intavola r-risposta tiegħu, illi permezz tagħha, filwaqt illi

rrimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti f'dak illi jirrigwarda l-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, osserva illi l-minuri Konstantinos Tsiakas kien għadu ma wiritx il-legat imħolli lilu mid-defunt Alfred Fenech, u dan stante illi kien għadu m'għalaqx il-wieħed u għoxrin (21) sena u s-Sinjur Doris Fenech għadha ħajja. Il-legat kellu infatti jgħaddi f'assoluta proprjeta' favur il-minuri wara l-mewt tas-Sinjura Doris Fenech u wara li jagħlaq wieħed u għoxrin (21);

9. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-ħdax (11) ta' Marzu 2025.

**Il-Qorti**

10. Wara illi rat l-atti u d-dokumenti esebiti mir-rikorrent;

11. Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Marzu 2025;

12. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

13. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tinnota illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern ma saritx fil-forma "ġenerika" għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta bl-użu tal-Formola Numru 21 tal-iSkeda B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda fil-forma stabbilita fl-**Artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u cioe mandat sabiex jiżgura dejn jew pretensjoni illi tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€ 11,646.86) bl-użu tal-Formola Numru 25. Dan jirriżulta kemm mill-fatt illi r-rikors jindika minnu nnifsu fil-kantuniera ta' fuq fin-naħa tax-xellug tal-ewwel paġna illi huwa *"Mandat t'Inibizzjoni (fejn it-talba teċċedi €11,646.86)"*, kif ukoll mill-fatt illi ġew indikati fir-rikors il-kapijiet *"Kreditu"* u *"Titolu"* kif rikjesti mill-Formola Numru 25;

14. L-**Artikolu 874 tal-Kap 12** jistabbilixxi illi:

> *(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.*
>
> *(2) Meta mandat jipprojbixxi l-bejgħ, it-trasferiment jew it-tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli, ir-rikors għandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-persuna li jinħareġ kontriha u li huma meħtieġa mil-liġi dwar ir-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli minn dik il-persuna fir-Reġistru Pubbliku. Fejn il-mandat jirreferi għall-immobbli speċifiċi, dawn għandhom jiġu deskritti fir-rikors, bil-mod provdut fl-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, dwar noti tal-iskrizzjoni, jiġifieri li din għandha sseħħ b'referenza għad-data ġeografika inkwistjoni. Meta r-rikors jirreferi għal proprjetà immobbli speċifika għandu wkoll ikollu mehmuż miegħu abbozz sħiħ tan-nota ta' iskrizzjoni biex tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku.*
>
> *[...]*

15. Id-distinzjoni bejn l-elementi rikjesti sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fit-termini tal-Artikolu 874 tal-Kap 12 u l-elementi rikjesti sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fit-termini tal-Artikolu 873 tal-Kap 12 ġiet senjalata fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Rose***

***Marie Galea et vs Maria Dolores sive Doreen Desira et***[1], fejn ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta illi:

> *Tajjeb jingħad illi l-Art 874(1) m'għandux jinqara bħallikieku jikkonfliġġi mal-Art 873 tal-Kap 12 għaliex fir-realta' ma hemm l-ebda konflitt bejn iż-żewġ disposizzjonijiet. L-Art 873 huwa aktar ġeneriku mill-Art 874. Għax hu maħsub biex ikun hekk, jimponi rekwiżiti ad hoc, bħal dak tal-"preġudizzju rrimedjabbli" li kien koltivat u żviluppat mill-ġurisprudenza, aktar milli mit-test **strett** tal-liġi, rekwiżit dan illi **mhuwiex** inkluż fl-Art 874.*
>
> *It-talba għall-ħruġ tal-Mandat skont l-Art 874 hija għodda **oħra** (innota l-frażi **"ukoll"**) li għandu mhux kull min jallega li għandu jedd "prima facie" li se jkun preġudikat b'mod irrimedjabbli, iżda li għandu kreditur b'debitu favur tiegħu li jaqbeż €11,646.86. Kif taraha din il-Qorti, il-punto d'incontro bejn iż-żewġ disposizzjonijiet huwa, anke għall-fini tal-Art 874(1), li l-kreditu jrid jirriżulta minn dritt "prima facie".*

16. L-istess prinċipji ġew esposti f'aktar dettall fid-digriet mogħti riċentement minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Adrian Puglisevich et vs Vladimir Joseph Puglisevich***[2]:

> *15. F'każ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-**artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, ir-rikorrent jeħtieġlu juri żewġ affarijiet ewlenija. Fl-ewwel lok, ir-rikorrent irid juri li huwa għandu mad-daqqa t'għajn, kreditu jew pretensjoni kontra l-intimat f'ammont li huwa ogħla minn €11,646.86; u fit-tieni*

[1] Mandat t'Inibizzjoni Nru 277/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph Zammit McKeon, 23 ta' Ġunju 2020

[2] Mandat t'Inibizzjoni Nru 1800/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 11 ta' Jannar 2022. Ara wkoll Mandat t'Inibizzjoni 1227/2021 fl-ismijiet ***Nutar Dr Sylvana Borg Caruana vs Sharon Ellul Bonici***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 3 ta' Settembru 2021

*<u>lok</u>, ir-rikorrent irid jispeċifika l-ġid li huwa qiegħed jitlob li jinżamm milli jiġi trasferit;*

*16. Dwar l-<u>ewwel ħtieġa</u>, il-liġi titlob biss li l-kreditu jew pretensjoni tar-rikorrent ma tkunx inqas minn €11,646.86. F'dan is-sens, il-ġurisprudenza tgħallimna li dwar il-jedd prima facie, il-liġi fl-**artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** timxi biss fuq il-pretensjoni u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa (ara **Avv. Etienne A. Calleja nomine et v. Peppercorn Limited et proprio et nomine** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ottubru 2019);*

*17. Il-liġi ma tgħidx u ma tiddistingwix x'għamla ta' dejn jew pretensjoni hemm bżonn illi jkun hemm. Jekk id-dejn jew pretensjoni taqbeż il-€11,646.86, allura dan jitqies bħala jedd li mad-daqqa t'għajn huwa biżżejjed biex jinħareġ il-mandat (ara **Alfred Testa v. Carmel sive Charles Giordmaina et**, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Fraar 2016);*

*18. Għal darb'oħra kontra dak li jgħid l-intimat fir-risposta tiegħu, fil-kuntest ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-**artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** ma hemmx bżonn li r-rikorrent juri li dan il-mandat huwa meħtieġ sabiex tiġi evitata ħsara irrimedjabbli jew ħsara li ma tistax tissewwa mod ieħor bħal fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-**artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara **Joseph Portelli v. St. John Development Limited** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Lulju 2016). Mod ieħor, għall-finijiet ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-**artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-possibilta' waħedha li l-parti intimata tista' titħajjar tittrasferixxi, tgħabbi jew tgħaddi minn idejha xi ġid li jkun jista' jservi bħala garanzija għall-*

*pretensjonijiet tal-parti rikorrenti kreditriċi huwa biżżejjed biex isejjes il-ħtieġa tal-mandat (ara* ***Joseph Demicoli et noe v. Angelic Mifsud*** *deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju 2016);*

17. Huwa evidenti għalhekk illi, hekk kif ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Steve Agius vs Carmel sive Charles Deguara***[3]*:*

*Fil-fehma tal-Qorti r-rekwiżiti meħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fit-termini tal-Artikolu 874 tal-Kap 12 ma humiex rigorużi daqs ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap 12 u dan għaliex fejn si tratta ta' pretensjoni ta' kreditu li għad trid tiġi deċiża f'kawża fil-mertu, una volta li r-rikorrent jipprova sodisfaċentement illi għandu prima facie jedd x'jikkawtela, jinkombi fuq l-intimat li juri illi anke f'dawk iċ-ċirkostanzi l-ħruġ tal-mandat mhux meħtieġ.*

18. Ġie ritenut ukoll fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Carmelo sive Charles Deguara vs Anthony Deguara et***[4]:

*Illi għal finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni li trid tqis il-Qorti huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmi (€11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrenti biex jinħareġ il-Mandat minnha mitlub.*

*Tqis ukoll li l-artikolu 874(1) jgħid ċar li Mandat bħal dak jista' jinħareġ fuq is-saħħa ta' "dejn, jew kull pretensjoni*

[3] Mandat t'Inibizzjoni Nru 1439/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 12 ta' Ottubru 2021
[4] Mandat t'Inibizzjoni Nru 1924/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Ian Spiteri Bailey, 20 ta' Jannar 2022

*oħra" sakemm tkun pretensjoni li taqbeż l-ammont li dwaru Mandat bħal dak jista' jinħareġ. Il-liġi ma tgħidx u ma tiddistingwix x'għamla ta' pretensjoni tista' tkun, sakemm hija pretensjoni li tissarraf f'valur ogħla mil-limitu msemmi f'dak l-artikolu.*

*Illi, minkejja t-termini partikolari tal-imsemmi artikolu, <u>huwa meħtieġ li min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan juri lill-Qorti x'għamla ta' pretensjoni hi u kif il-ħruġ tal-Mandat huwa meħtieġ għall-ħarsien tagħha</u>.*

*[...]*

*F'dawn il-proċeduri, il-Qorti mhix mitluba li tara x'jeddijiet għandu l-intimat iżda ai termini tal-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, <u>tara oġġettivament jekk ir-rikorrenti għandhomx pretensjoni ta' jedd</u>. Mhix il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali ai finijiet oġġettivi tal-liġi.*

19. Premess dan kollu, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplika l-prinċipji legali suesposti għaċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami;

20. Dwar dik illi hija l-<u>**pretensjoni tar-rikorrent**</u>, din il-Qorti tosserva illi l-mandat odjern sar in kawtela għas-*"sehem riservat pretiż fil-kawża fl-ismijiet premessi li qed tiġi preżentata kontestwalment ma' dana ir-rikors"*, u cioe għal kreditu rappreżentanti *"is-sehem riservat spettanti lis-sekwestrant mill-eredita' tad-defunt Alfred Fenech kif spjegat aħjar fil-kawża, r-rikors promotur ta' liema huwa hawn anness u mmarkat bħala "**Dokument B**""*. L-ammont pretiż mir-rikorrent ma ġie fl-ebda punt likwidat, la b'mod preċiż u anqas approssimattiv, u dan la fir-rikors odjern u lanqas

fir-rikors ġuramentat anness mar-rikors odjern bħala **Dokument B**[5]. Anzi, fir-rikors ġuramentat, il-likwidazzjoni tal-porzjon riservat spettanti lir-rikorrent hija waħda mit-talbiet tar-rikorrent (talba numru 3);

21. L-intimati qegħdin infatti jeċċepixxu n-nullita' tal-mandat odjern preċiżament fuq dan il-punt, u cioe n-nuqqas tar-rikorrent illi jindika l-ammont tal-kreditu pretiż minnu;

22. Hekk kif ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Av Dr Malcolm Mifsud noe vs John Cauchi et***[6], l-Artikolu 831(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *831.(1) It-talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-atti msemmija għandha ssir b'rikors imħejji mir-rikorrenti u għandu jkun fiha, taħt il-piena tan-nullità tal-att, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu jkunu ordnati b'regolamenti:*
>
> *[…]*
>
> *(b) fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li għalih tammonta t-talba.*
>
> *Jekk il-kawża tkun diġà ġiet ippreżentata fil-qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.*

23. L-Artikolu 832 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi in oltre illi:

> *832. Meta l-jedd li wieħed irid iqiegħed fiż-żgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta' somma ta' flus, ir-rikorrent fid-*

[5] A fol 31 *et seq* tal-proċess odjern
[6] Mandat t'Inibizzjoni Nru 1124/2022/1, Prim'Awla (Qorti Ċivili), Onor Imħ Grazio Mercieca, 12 ta' Settembru 2022

*dikjarazzjoni bil-ġurament imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu jgħid kemm hija bejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu, u jekk tkun ġiet preżentata kawża fil-qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji, taħt piena tan-nullità tal-mandat.*

24. Ġie ritenut f'***Mifsud noe vs Cauchi et*** suriferita:

*Ir-rikorrent fetaħ din il-proċedura fuq il-formola intiża espressament biex jikkawtela kreditu li jippretendi mingħand l-intimati, li teċċedi l-€11,646.86. Għalhekk kjarament qiegħed jibbaża ruħu fuq l-Art. 874, biex jiżgura dejn jew pretensjoni monetarja. Li jfisser li huma applikabbli l-Art. 831 u 832 preċitati. Ir-rikorrent ma semmiex l-ammont ta' flus li qiegħed jippretendi li tiswa' l-pretensjoni tiegħu, la b'mod preċiż u lanqas b'mod approssimattiv. Għalhekk isegwi li trid tiġi mposta s-sanzjoni, anke jekk estrema, tan-nullita` tar-rikors tiegħu. Dan għaliex din in-nullita` hija waħda minn dawk il-ftit nullitajiet fil-kodiċi ritwali li jinstabu msemmija espressament; hija waħda assoluta u saħansitra jekk ma titqanqalx mill-intimat il-Qorti hija fid-dover li tqajjimha ex officio. Din is-sanzjoni mhix imposta kapriċċożament mil-leġislatur, iżda hija meħtieġa biex l-intimat ikun f'qagħda li jiddefendi ruħu billi ma jkunx iffaċċjat bi pretenzjoni t'ammont inċert u indeterminat. Hekk jkun jaf bl-ammont ta' garanzija li jekk ikun il-każ ikollu joħroġ biex jitwaqqa' l-mandat.*

*25.* Issa l-pretensjoni tar-rikorrent fil-każ odjern hija tas-sehem riservat spettanti lilu mill-eredita' ta' Alfred Fenech. Skont l-Artikolu 615 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, is-sehem riservat *"huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet"*, b'dana għalhekk illi japplikaw għalih id-

dettami tal-Artikoli 831 u 832 suċitat, u kellu għalhekk jissemma l-ammont ta' flus li r-rikorrent qed jippretendi li tiswa l-pretensjoni tiegħu. Infatti, din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Gaetano Galea et vs Carmena Bugeja***[7], qalet illi d-dettami tal-Artikoli 831(1)(b) u 832 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jiġu osservati meta *"r-rikorrenti qed javvanzaw pretensjonijiet għas-sehem riservat (gja leġittima) [...] u dan għaliex, skont artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili dan id-dritt illum huwa kreditu u ma għadux jitħallas in specie. Għalhekk kwantifikabbli."*

26. Għaldaqstant, fin-nuqqas tar-rikorrent illi jispeċifika u/jew jikkwantifika l-ammont pretiż minnu b'mod preċiż jew approssimattiv, din il-Qorti hija kostretta tiddikjara illi r-rikors huwa **null**, u **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba rikorrenti.

**Decide**

27. Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda:

(i) **Tirrevoka *contrario imperio*** d-digriet tagħha tat-tlieta (3) ta' Frar 2025;

(ii) **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors odjern.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu tar-rikorrent.

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tlieta, 25 ta' Marzu 2025.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**

[7] Mandat t'Inibizzjoni Nru 1697/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Toni Abela, 22 ta' Diċembru 2020